

Brussell, 15 ta' Marzu 2024  
(OR. en)

7671/24

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0011(NLE)

---

---

SOC 204  
EMPL 113  
ANTIDISCRIM 41  
GENDER 40  
SAN 154  
FREMP 143  
ILO 9

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol - Adozzjoni

---

#### I. INTRODUZZJONI

1. Fit-22 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal "Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol"<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> 5442/20

2. Il-Konvenzjoni 190 dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza u l-Fastidju fid-Dinja tax-Xogħol<sup>2</sup> ("il-Konvenzjoni 190 tal-ILO") ġiet adottata fil-21 ta' Ġunju 2019, fil-108 sessjoni (iċ-ċentenarju) tal-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol u ġiet akkumpanjata bir-Rakkomandazzjoni 206<sup>3</sup>. Din hija l-ewwel strument internazzjonali li jistabbilixxi standards speċifiċi u applikabbli globalment dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza u l-fastidju relatati max-xogħol.

## II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

3. Il-proposta ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (SQWP) f'ħames okkażjonijiet taħt il-Presidenza Kroata, dik Ġermaniża u dik Żvediża<sup>4</sup>.
4. Is-Servizz Legali tal-Kunsill wettaq analiżi tal-kompetenzi tal-UE b'rabta mal-Konvenzjoni 190 tal-ILO bil-ħsieb li jiġu identifikati toroq legalment vijabbli 'il quddiem rigward ir-ratifika tagħha.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ("Coreper I") ittratta l-kwistjoni f'sitt okkażjonijiet<sup>5</sup>, u taħt il-Presidenza Żvediża, il-Kunsill (EPSCO) kellu wkoll skambju ta' fehmiet dwar dan il-fajl<sup>6</sup>.
6. Fit-18 ta' Settembru 2023, il-Kunsill (AGRIFISH) laħaq approċċ ġenerali<sup>7</sup> taħt il-Presidenza Spanjola. Wara l-approċċ ġenerali, it-test għadda minn reviżjoni lingwistika kif jinsab fid-dok. 13106/23.

---

<sup>2</sup> [Il-Konvenzjoni C190 - Il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 \(Nru 190\) \(ilo.org\)](#)

<sup>3</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni R206 - Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 \(Nru 206\) \(ilo.org\)](#)

<sup>4</sup> Il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali tal-04/02/20, it-18/02/20, l-20/03/20, l-01/02/22 u l-31/1/23

<sup>5</sup> Il-laqgħat tal-Coreper fil-11/03/20 (6771/20), id-09/12/20 (13993/20), it-18/12/20 (13995/20), it-8/03/23 (6684/23), id-19/04/23 (8079/1/23 REV 1) u d-19/07/23 (11811/23)

<sup>6</sup> 13/03/23 (6685/23)

<sup>7</sup> 12080/23 + ADD1 + ADD2

7. Fit-23 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill (AGRIFISH) laħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dok. 13106/23 u ddeċieda li jfittex l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>8</sup>.
8. Fit-12 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għal dan l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

### **III. KONKLUŻJONI**

9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, kif jinsab fid-dokument 13106/23.

---

<sup>8</sup> 13190/23